MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 705/2005

George Baldacchino u Jane Baldacchino ghal kull interess li jista’ jkollha
vs
Clayton Cremona u
Ludwig Dimech

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni ta’ l-atturi li biha ippremettew:

Illi l-attur flimkien ma’ martu l-attrici l-ohra huma proprjetarji tal-fond bl-isem “Nipparts”, Triq il-Wied, Msida liema fond huwa pero` gestit mill-attur;

Illi fil-lejl ta’ bejn l-20 u l-21 ta’ Dicembru, 2004 l-attur safa misruq minn diversi oggetti fosthom ammont ta’ accessorji tal-vetturi fl-ammont ta’ tnax-il elf, tmien mija u ghaxar Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm12,810.25) (Dok.

A) u flus kontanti fl-ammont ta’ tlett mitt Lira Maltin (Lm300);

Illi l-konvenuti jew min minnhom fi gradi indaqs jew fi proporzjon differenti kienu involuti fis-serq u/jew ricettazzjoni ta’ l-oggetti u accessorji fuq imsemmija u anke sa fejn jirrigwarda l-flus kontanti fuq imsemmija;

Illi ghalhekk li l-konvenuti jew min minnhom huma obbligati fil-ligi lejn l-atturi ghad-danni kollha sofferti minnhom.

L-atturi talbu lil Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghas-serq u/jew ricettazzjoni tal-oggetti u accessorji ta’ vetturi u flus kontanti ghad-dannu ta’ l-atturi mill-hanut tieghu bl-isem “Nipparts”, Triq il-Wied, Msida ammontanti b’kollox ghal tlettax-il elf lira, mija u ghaxar Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm13,110.25) f’valur ta’ accessorji ta’ vetturi u flus kontanti;

2. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli solidalment bejniethom jew min minnhom ghad-danni kollha sofferti mill-atturi fi proporzjoni ugwali jew proporzjonali skond ir-rizultanzi tal-provi fil-kors tal-kawza, liema danni jikkonsistu fl-ammont komplessiv ta’ tlettax-il elf lira, mija u ghaxar Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm13,110.25);

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom u f’kaz tat-tnejn solidalment bejniethom, ihallsu lill-atturi is-somma ta’ tlettax-il elf lira, mija u ghaxar Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm13,110.25) bl-imghaxijiet legali mill-prezenti sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez u bil-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut Clayton Cremona li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes billi huwa ma kien involuta f’ebda serqa jew ricettazzjoni ta’ oggetti u accessorji ta’ vetturi u flus kontanti, wahdu jew ma’ ohrajn, mill-fond “Nipparts”, li jinsab gewwa Triq il-Wied, Msida fil-lejl ta’ bejn l-20 u l-21 ta’ Dicembru, 2004, kif qed jallegaw l-atturi;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mill-atturi jidher illi huwa ghal kollox ezagerat u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista ta’ xhieda prezentati mill-konvenut Clayton Cremona.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut Ludwig Dimech li biha eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-atturi ghandhom jikkonfermaw bil-gurament taghhom illi ghandhom interess li jipprocedu bl-odjerna citazzjoni fis-sens illi ghandhom jiddikjaraw jekk huma gewx rimborsati minghand xi kumpanija ta’ l-assikurazzjoni;

2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni t-talbiet attrici, kwantu jolqtu lil Ludwig Dimech, huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li huwa kompletament estraneju ghal dak li qed jigi allegat u huma kompletament bla bazi legali u fattwali l-allegazzjonijiet ta’ serq u ricettazzjoni kontenuti fic-citazzjoni attrici;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma eccessivi u f’kull kaz ghandhom jigu pruvati;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut Ludwig Dimech.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Magistrat Dr. Saviour Demicoli) fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Michael Mallia) vs Clayton Cremona u Ludwig Dimech** tat-23 ta' Gunju, 2010 li minnha jirrizulta li fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Dicembru, 2004 sar serq ta' diversi oggetti fosthom ammont ta' accessorji tal-vetturi u flus kontanti li l-valur globali taghhom jeccedi s-somma ta' Lm1,000 mill-fond Nipparts, Triq il-Wied l-Msida u li Clayton Cremona ammetta li hu hati tas-serq aggravat filwaqt li fil-kaz ta' Ludwig Dimech ammetta ir-ricettazzjoni u cioe` 3 *clutch kits serial numbers* J2006015, J2003064 u J2008002 u 8 *Nipparts filters*.

A fol 255 tal-process Ludwig Dimech iddikjara li m'ghadux aktar jikkontesta lil l-konjugi Baldacchino thallsu minghand l-assikurazzjoni izda jikkontesta r-responsabbilta` ghall-hlas ta' l-ammont intier reklamat. B'hekk effettivament Dimech gie li irrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni.

Gie prezentat affidavit ta' <u>George Baldacchino</u> fejn issemma:

"Dakinhar ta' l-incident, ghall-habta tas-siegha ta' filghodu ircivejt telefonata li qaltli li kienu qed jisirquni fil-hanut tieghi fl-Imsida u li l-hallelin kienu ghadhom hemm jisirqu. Wara ftit minuti wasalna fuq il-post. Kif wasalna rajna karozza li kif rana x-xufier taghha startja u saq…

Ftaht il-hanut flimkien mal-Pulizija u lili qaluli biex nibqa' barra sakemm jiccekkjaw il-hanut huma. Imbaghad telghu

fuq u sabu l-hgiega mkissra u tieqa miftuha. Bdejna niccekkjaw l-affarijiet li nsterqu. Irrizulta li kienu naqsu hafna oggetti; fosthom *clutch kits*, *starters*, *alternators*, u kolla. Barra minn hekk sibna hafna oggetti ohra nieqsa, sibna wkoll il-*cash register* miftuha u bil-flus neqsin kollha li kienu jammontaw ghal mat-tliet mitt lira Maltin (Lm300)…

Jumejn wara baghtna *fax* bil-lista ta' l-oggetti li gew nieqsa mill-hanut kif talabni l-Ispettur u tajt ohra lis-Sur Mallia, l-Ispettur tal-Pulizija tad-*Depot*. Xi ftit granet wara rcivejna karta, hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A1, li kienet tallega li l-affarijiet li nsterquli kienu ghand certu Ludwig Dimech minn Haz-Zebbug. Jien kont mort b'dan id-dokument id-Depot, u qaluli li ha jaghmlu l-investigazzjoni fuqha. Fil-fatt kienu sabu li din l-ittra kienet veritiera ghax sabu xi prodotti u *parts* minn taghna ghand Ludwig Dimech, bhal ma kienet tghid l-ittra…"

Xehed l-i<u>Spettur Michael Mallia</u> fejn issemma li kien inkarigat dwar is-serq minn Nipparts Apartments Msida. Baldacchino Kevin irrapporta li kienu sgassawlu l-hanut u li kienu hadulu diversi *spare parts* tal-vetturi u Lm700 fi flus kontanti u cekkijiet. Konna kkonfermajna s-serqa fuq il-post u fil-fatt kien hemm il-*cash register* ma' l-art. In segwitu ta' ittra anonima li waslet ghand Baldacchino, gie identifikat Dimech. Esebixxa l-akkuzi kontra Cremona.

Gie esebit dokument prezentat mill-Ispettur Mallia li minnu jirrizulta li gew elevati minghand Ludwig Dimech tliet (3) *clutches kits* u eight (8) *Nipparts filters*.

Rat l-istqarriji ta' l-akkuzati.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi t-talba odjerna tirreferixxi ghal serqa li saret minn Nipparts, Triq il-Wied Msida, valur ta' *parts* Lm13,110.25, valur ta' accessorji u flus kontanti (Lm12,810.25 *parts* u Lm300 flus kontanti). Illi Clayton Cremona ammetta s-serq waqt li Ludwig Dimech ammetta r-ricettazzjoni ghal 3 *clutch kits* u 8 *Nippart filters* u t-tnejn li huma nstabu hatja kif imsemmi.

L-attur George Baldacchino ikkonferma s-serqa ta’ dawn l-oggetti bil-valuri u ufficjali tal-Pulizija ikkonfermaw is-serq u r-ricettazzjoni.

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu Clayton Cremona cahad is-serqa, izda tali eccezzjoni trid tigi michuda in vista tas-sentenza tat-23 ta’ Gunju, 2010. Sekondarjament eccepixxa li l-ammont pretiz mill-atturi huwa esagerat kif ser jipprova waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Izda ghalkemm l-attur esebixxa l-lista ta’ l-oggetti u valuri, il-konvenuti ma gabu ebda provi kuntrarji u ghalhekk tichad ukoll din l-eccezzjoni.

Il-konvenut Ludwig Dimech originarjament eccepixxa li l-attur gew rimborsati minn xi kumpanija ta’ assikurazzjoni izda din l-eccezzjoni irtiraha a fol 255. Sekondarjament eccepixa li hu kompletament estraneju ghal dak li qed jigi allegat, izda mill-ammissjoni tieghu stess u s-sentenza relattiva tal-Qorti tal-Magistrati jirrizulta car li din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda. Finalment Dimech eccepixxa li t-talbiet attrici huma eccessivi izda hawnhekk japplika wkoll dak li ntqal dwar it-tieni eccezzjoni ta’ Cremona li l-attur ghamel il-provi waqt li l-konvenuti ma ghamlu ebda, u ghalhekk il-Qorti tichad din l-eccezzjoni.

Dwar il-mertu irrizulta car li s-serqa saret u anke r-ricettazzjoni mid-diversi atti tal-kawza u specjalment mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-23 ta’ Gunju, 2010. L-ammonti jinsabu konfermati wkoll mill-attur bil-gurament.

Jifdal biss pero` li Dimech issolleva li r-ricettazzjoni tieghu tirreferi biss ghal 3 *clutch kits* u 8 *filters* u ghalhekk is-solidarjeta` mitluba m’ghandhiex tapplika riferibbilment ghall-bqija. Sfortunatament il-Qorti ma gietx moghtija l-ammont riferibbli ghal dawn l-oggetti u ghalhekk sejra *arbitrio boni viri* tistabbilixxi stima ta’ €1,000.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi, wara li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, il-Qorti tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghas-serq fil-kaz ta’ Cremona u ghar-ricettazzjoni fil-kaz

ta’ Dimech ta’ l-oggetti u accessorji ta’ vetturi u flus kontanti ghad-dannu ta’ l-atturi mill-hanut tieghu bl-isem “Nipparts”, Triq il-Wied, Msida ammontanti b’kollox ghal tlettax-il elf lira, mija u ghaxar Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm13,110.25) f’valur ta’ accessorji ta’ vetturi u flus kontanti.

Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli solidalment bejniethom in kwantu ghal €1,000 u lil Clayton Cremona ghad-danni kollha sofferti mill-atturi fl-ammont komplessiv tar-rimanenti disgha u ghoxrin elf hames mija u tmienja u tletin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€29,538.67).

Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ solidalment elf Ewro (€1,000) u disgha u ghoxrin elf hames mija u tmienja u tletin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€29,538.67) fil-kaz ta’ Clayton Cremona, kollox bl-imghaxijiet legali mill-prezentata tac-citazzjoni sal-pagament effettiv.

Spejjez 9/10 kontra Clayton Cremona u 1/10 kontra Ludwig Dimech.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------